# Ħsieb għax-xahar ta' Settembru

## Ferħu Niket?

l-festa tat-Twelid tal-Verġni Marija (8 ta' Settembru) u l-festa tad-Duluri tagħha 15 ta' Settembru) huma marbuta ħafna għax flimkien juruna l-misteru tal-ħajja a' Marija mill-bidu sal-missjoni tagħha bħala Omm fidila sal-aħħar.

l-konnessjon ispiritwali

**. Il-bidu tal-pjan ta' Alla**

- It-twelid ta' Marija hu l-ewwel pass fil-pjan tal-fidwa: Alla jagħżel lil Marija bħala l-omm tal-Iben tiegħu, bla dnub u mimlija grazzja.

**. Il-kisba tal-missjoni permezz tas-sagrifiċċju**

- Dak li jibda b'ferħ fit-twelid tagħha, jilħaq il-qofol tiegħu fid-duluri tagħha, meta hija taċċetta li toqgħod ħdejn is-salib ta' Binha u ssofri miegħu għall-fidwa tal-bnedmin.

**. Ħajja kollha ddedikata lil Alla**

- Minn meta twieldet sa meta mietet, il-ħajja ta' Marija kienet "iva" kontinwa lil Alla — it-twelid tagħha juri l-grazzja speċjali tagħha, id-duluri tagħha juru l-fedeltà tagħha.

**. Minn ferħ għal fedeltà fil-prova**

- It-twelid jissimbolizza l-ferħ tal-bidu, id-duluri jissimbolizzaw il-prova u l-imħabba fidila sal-aħħar. Huma bħal żewġ estremi tal-istess ħajja qaddisa.

il-qosor, dawn iż-żewġ festi jifthulna għajnejna biex nifhmu li l-ħajja qaddisa hijiex biss dwar il-bidu sabiħ, iżda wkoll dwar il-fedeltà fil-mumenti l-aktar diffiċli – u Marija hi l-eżempju perfett ta' dan.

***Fr Jonathan Debattista***

## Il-Festa ta' Marija Bambina



Il-festa ta' Marija Bambina tiġi iċċelebrata f'erba' parroċċi f'Malta u Għawdex, il-Mellieħa, in-Naxxar, l-Isla, u ix-Xagħra. Hija festa important fil-kuntest tal-kult tal-Verġni Marija, imma anki fil-kuntest tal-konnessjoni ma' żewġ avvenimenti storiċi li kienu mumenti fejn nistgħu ngħidu Malta għaddiet mill-mewt għall-ħajja, it-tmiem tal-Assedju il-Kbir fl-1565 u l-irtirar tal-Italja fl-1943, li kien ifisser it-tmiem tal-attakki ħorox mill-ajru fuq Malta waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-festa ta' Marija Bambina tmur lura sas seklu 6 f'Ġerusalem fejn ġiet iddedikata knisja lill-Verġni Marija fil-post fejn tradizzjonalment kienet id-dar ta' Sant Anna u San Ġwakkin. Ma hemm xejn fil-Bibbja dwar dan, imma il-kult imur lura sat-tieni seklu u l-vanġelu (apokrifi) ta' San Ġakbu. Ġewwa Milan insibu knisja dedikata lill-'Bambina' u l-istatwa fuq l-artal maġġur turi lill-Madonna bħala tarbija imfisqija.

# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju

Settembru 2025

**Prattika Spiritwali**

## TAĊĊETTA LI TKUN LEĠJUNARJU/A?

Vanġiela daħlet fi kriżi għax xi ħadd qalilha li mhix leġjunarja tajba. Bertu jemmen li l-Legion of Mary huwa sejħa għal ħbiberija ma' Marija li tikxfilna l-qalb tħabbat ta' Ġesu. Jista' jiġrilna li ninsew li l-ħajja fil-Leġion, fl-aħħar mill-aħħar bħall-ħajja nisranija, hija mixja, proċess, skoperta li tgħaddi mill-għarfien għall-ħbiberija mill-kriżijiet u għall-intimita'. Il-Leġion joffri l-possibilta' ta' MIXJA FLIMKIEN, ta' formazzjoni Marjana kontinwa, ta' fejqan gradwali, ta' skoperta ferrieħa, ta' apprendistat għall-apostolat b'mod speċjali bil-kuntatti personali. Il-Leġjun ta' Marija la hi għaqda ta' nies perfetti u lanqas ta' suldati għajjiena. Meta dak li jkun jirtira mil-Legion, jista' jkun jew li mhuwiex miexi huwa stess inkella għax nesa li l-Legion huwa grupp ta' nies imperfetti li jgħinu u jillimaw lil xulxin biex jitqaddsu.Huma under construction, in the process.

**Iddiskuti: 1. Il-Leġjunarji huma dawk li jħallu lill-Madonna tinqeda bihom biex jagħmlu apostolat. Ikkummenta.**

**2. Il-Leġjunarji huma tallaba għall-erwieħ. Eremiti u dawk li jitbiegħdu min-nies, ma jistgħux ikunu leġjunarji.**

**Dun Karm Gauci**

**Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Settembru**

**Għar-relazzjoni mal-Ħolqien kollu**

Nitolbu biex bħal S. Franġisk, inħossu r-rabta li teżisti bejn il-ħlejjaq lil lkoll huma maħbubin minn Alla u jixirqilhom kull għożża u rispett.



***Laqgħa ta' tagħlim Sibt 27 ta'Settembru fil 5 p.m. Dar tal-Leġjun***